MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 292/2011

**Alfred Xuereb**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur Alfred Xuereb fit-23 ta’ Marzu 2011 li permezz tiegħu ġie premess:

1. Illi l-esponent twieled fit-13 ta’ Marzu 1941, fil-Ħamrun, minn Emanuel Xuereb u Mary Xuereb, nee Pisani, mart l-istess Emanuel Xuereb;

2. Illi l-att tat-twelid tal-esponent bin-numru tal-iskrizzjoni 1911/1941 (Dok A) jikkontjeni żball fis-sens li l-kunjom tal-ġenituri tal-esponent ġie erronjament indikat

bħala "**Sc**uereb" mentri dan il-kunjom kellu jigi indikat bħala "**X**uereb". Dan l-iżball jidher taħt il-kolonni "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" u "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Omm" fl-imsemmi att ta' twelid.

3. Illi l-iżball jirriżulta ċar meta wieħed jara kif ġie ndikat b'mod korrett bħala "**X**uereb" il-kunjom ta' missier l-esponent fl-att tat-twelid ta' missier l-esponent li jġib in-numru tal-iskrizzjoni 45/1914 (estratt ta' dan iċ-ċertifikat jinsab hawn mehmuż u mmarkat bħala Dok B), fl-att tal-mewt ta' missier l-esponent li jġib in-numru tal-iskrizzjoni 115/1989 (estratt ta' dan iċ-ċertifikat jinsab hawn mehmuż u mmarkat bħala Dok C) kif ukoll il-kunjom tal-istess esponent fl-estratt taċ-ċertifikat tal-magħmudija tal-esponent maħruġ mill-Parroċċa tal-Knisja ta' St Cajetan, il-Ħamrun, Malta fil-5 ta'April 1974 (Dok D), l-Att taż-Żwieġ tal-esponent bin-numru tal-iskrizzjoni 1551/65 (kopja ta' dan l-att jinsab hawn mehmuż u mmarkat bħala Dok E); l-estratt tal-att oriġinali (miktub bl-idejn) taż-żwieġ tal-esponent bin-numru tal-iskrizzjoni 1551/65 (Dok F) u mill-estratt taċ-ċertifikat oriġinali (miktub bl-idejn) taż-żwieġ tal-attur bin-numru 1551/1965 maħruġ mill-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat, Malta (Dok G);

4. Illi l-esponent jixtieq jipproċedi sabiex jikkorreġi l-iżball hawn fuq imsemmi fl-Att tat-Twelid tiegħu;

Għaldaqstant l-esponent jiltob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna lill-konvenut jikkoreġi l-iżball imsemmi fl-Att tat-Twelid tal-attur bin-numru tal-iskrizzjoni 1911/1941, fis-sens li l-kunjom ta' missier u omm l-esponent jiġi ndikat bħala "Xuereb" minflok "Scuereb".

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ppreżentata fid-19 ta' April 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni għall-korrezzjoni ta' kunjom ir-rikorrenti minn "Scuereb" għal "Xuereb", salv pero' li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 1911/1941 u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi f'dak iż-żmien li ġie reġistrat l-imsemmi Att ta' Twelid (Dok DRP 1), u ċjoe' s-sena 1941, ma kienx hemm eżistenti sistema kompjuterizzata ta' ġabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Għaldaqstant, l-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku kienu jistrieħu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma l-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titniżżel fl-att in kwistjoni;

b. Illi fl-Att ta' Twelid *de quo* kien proprju missier ir-rikorenti Emanuel li kien id-dikjarant u ta l-informazzjoni kollha li mbagħad tniżżlet fiċ-ċertifikat tar-rikorrenti u saħansitra ffirma l-istess att.

3. Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri stanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-30 ta' Mejju 2011 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata biss fis-sens li peress li l-kunjom tal-attur kellu jitniżżel bħala *Xuereb* u mhux *Scuereb*. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball (jekk wieħed jista' jsejjaħlu hekk) u m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kollha.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------